MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Numru 95/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Igino Ellul**

**Illum 26 ta' Frar, 2004.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Igino Ellul, bin Michele u Carmela *nee'* Mifsud, imwieled Hal Ghaxaq fit 06 ta' Gunju, 1965, detentur tal-karta ta' l-identita numru 424835M u residenti 77, Triq Bormla, Paola;

Talli nhar l-01 ta' Jannar, 2004, ghall-habta tas-2.30a.m., waqt li kont gewwa San Antonio Hotel li tinsab fi Triq it-Turisti, Bugibba, kkommettejt serq ta' mobile phone tal-

marka Philips li l-vlur tieghu huwa ta’ Lm80, liema serq hu aggravat bil-hin u dan ghad-dannu ta’ Joanna Agius minn San Gwann.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali tal-05 ta’ Frar, 2004, sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bi procedura sommarja skond l-artikolu 370 (4) Kap 9, u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibu hati..

Rat l-artikoli 261, 270 u 281 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat u hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat irritorna r-rifurtiva/

Tilliberrrah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------